**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. ASF 012/2022**

**RK u FK ('l-ilmentaturi')**

**vs**

**MeDirect Bank (Malta) p.l.c. (C 34125)**

**('il-provditur tas-servizz' jew 'il-Bank')**

**Seduta tat-30 ta' Gunju 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentaturi talbu li jinghataw lura l-kapital (b'interessi) li gie nvestit fl-8.25% *Air Berlin Bonds 2018* ('l-*Air Berlin Bond/s'* jew 'l-investiment'), liema nvestiment sar tramite *MeDirect Bank (Malta) p.l.c.* ('il-provditur tas-servizz' jew 'il-Bank').

L-ilmentaturi allegaw li l-*bonds* inbieghu lilhom mill-provditur tas-servizz bhala investiment sigur u allegatament sahansitra fi zmien meta dawn il-*bonds* kienu digà bdew ifallu.

***L-ilment***

L-ilmentaturi spjegaw li huma kienu nvestew madwar hamest elef Ewro kull wiehed f'kontijiet separati fil-*bond* bl-isem ta' *'Air Berlin'*.

Gie spjegat ukoll li peress li huma ma kellhomx daqshekk gharfien ta' kif jahdmu l-investimenti, huma qaghdu fuq l-istruzzjonijiet tal-Bank u nvestew fl-*Air Berlin Bonds* li skont il-Bank kienu siguri. Huma serrhu rashom fuq dak li semghu mill-Bank u li kellhom kollox investit b'mod sigur sakemm ircevew telefonata minn wiehed mill-impjegati tal-Bank fejn qalilhom li l-*Air Berlin Bond* falliet u b'hekk tilfu kollox.

L-ilmentaturi spjegaw li originarjament huma kienu gew ikkuntattjati mill-maniger tal-Bank fejn kellhom il-kont bankarju taghhom sabiex jiltaqghu mieghu u jitkellmu dwar xi nvestimenti li setghu jaghmlu.

Waqt il-laqgha huma gew mistoqsija jekk jippreferux jinvestu flushom f'*bonds* ta' riskju gholi bi ntrojtu gholi jew inkella f'*bonds* li huma siguri imma b'introjtu aktar baxx. Huma ddecidew li jinvestu flushom f'*bonds* li huma siguri.

Huma sahqu li fdaw fil-maniger tal-Bank biex jizguraw is-sigurtà tal-investiment peress li huma ma kellhomx daqshekk gharfien ta' kif jahdmu l-investimenti.

Eventwalment huma saru jafu li l-*Air Berlin Bonds* kienu ilhom li fallew. L-ilmentaturi issottomettew li l-*Air Berlin Bond* kienet sahansitra digà bdiet tfalli dakinhar li l-maniger tal-Bank qalilhom biex jinvestu fiha.

Gie sottomess li ghalhekk dan ma kienx xi avveniment sfortunat imma nuqqas ta' gharfien min-naha tal-Bank u l-impjegati tieghu li b'konsegwenza huma spiccaw tilfu dak kollu li investew.

Bhala rimedju, l-ilmentaturi talbu li jircievu lura s-somma kollha investita fl-*Air Berlin Bonds* ghall-ammont ta' EUR 10,100 kif ukoll interessi li jammontaw ghal EUR 500. B'hekk il-kumpens totali mitlub mill-ilmentaturi huwa ta' EUR 10,600.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[1]**

1. Illi l-azzjoni kontra l-Bank rigward l-investiment fl-*Air Berlin Bonds* li sar fil-5 ta' Frar 2016, waqghet bi preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kull interazzjoni u/jew relazzjoni extra-kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet sehhet qabel id-dekadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli.

2. Illi l-azzjoni kontra l-Bank ukoll waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 21(b) u (c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta fejn:

   a) Fl-ewwel lok, dan l-Artikolu jipprovdi li: *'Izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh'*.

[1] Pagna (P.) 92 - 94

Gie sottomess li dan il-paragrafu dahal fis-sehh fit-18 t'April 2016. Ghalhekk fejn ikun ippruvat li l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun sehhet qabel it-18 t'April 2016, l-ilmentatur kien obbligat li jressaq l-ilment sat-18 t'April 2018.

L-ilmentaturi ghamlu l-investiment taghhom fl-*Air Berlin Bonds* fil-5 ta' Frar 2016 u, ghalhekk, qabel ma dahal fis-sehh l-Artikolu 21(b) u (c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ilment taghhom, l-ilmentaturi iddikjaraw li l-*Air Berlin Bond 'sahansitra kienet digà bdiet tfalli dakinhar li l-maniger tal-bank qalilna biex ninvestu fiha ghax hi Bond sigura'*.[2]

Il-Bank issottometta li skont din id-dikjarazzjoni *'l-imgiba'* tal-provditur tas-servizz ghalhekk sehhet dakinhar li l-ilmentaturi ghamlu l-investiment taghhom fl-*Air Berlin Bonds* peress li l-maniger tal-Bank allegatament naqas milli jgharraf lill-ilmentaturi li l-*Air Berlin Bond* kienet sejra hazin. L-ilmentaturi ghamlu l-ilment taghhom mal-Bank fil-15 ta' Novembru 2021 u, ghalhekk, kienu skorrew is-sentejn preskrizzjoni kif provdut mil-Ligi.

b) It-tieni lok huwa dak fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun sehhet wara t-18 t'April 2016 u, f'dan il-kaz, l-ilmentatur irid jirregistra l-ilment tieghu mal-provditur tas-servizz, *'mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom'*.[3]

Gie sottomess f'dan ir-rigward, li l-ilmentaturi ddikjaraw li ndunaw l-ewwel darba bil-kwistjonijiet li qed jilmentaw dwarhom fil-15 t'Awwissu 2018, mil-liema data sahansitra wkoll skorrew aktar minn sentejn. Ghalhekk anke f'xenarju fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz sehhet wara d-dhul tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ilmentaturi kellhom iressqu l-ilment taghhom sal-15 t'Awwissu 2020.

[2] P. 92
[3] *Ibid.*

Gie ghalhekk sottomess li ghar-ragunijiet imsemmija, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-ilment.

3. Illi fil-mertu, l-ilment kif imressaq huwa mimli inezattezzi u ommissjonijiet ta' fatti reali. Il-provditur tas-servizz sahaq li:

a) Fl-ewwel lok, l-ilmentaturi jiddikjaraw fl-ilment taghhom illi mhumiex *'daqshekk maghrufin ma' kif jahdmu l-investimenti u bonds'*.[4] Konvenjentement, l-ilmentaturi jonqsu milli jizvelaw li tul ir-relazzjoni taghhom mal-Bank huma ghamlu diversi investimenti, specjalment f'*bonds*. Illi ghalhekk wiehed irid jistaqsi kemm hi veritiera d-dikjarazzjoni tal-ilmentaturi li m'ghandhom ebda esperjenza f'investimenti u f'*bonds*.

b) Illi pertinenti hafna huwa t-tip ta' servizz li nghata lill-ilmentaturi mill-Bank. Gie sottomess, li johrog car mid-dokumentazzjoni esebita mar-risposta tal-Bank, li s-servizz li nghata mill-Bank kien ta' '*Execution Only*'.

Il-provditur tas-servizz sahaq li qatt ma forna jew ipprovda xi hjiel li kien qieghed iforni ebda tip ta' parir fuq l-investimenti. Infatti huwa evidenti u spjegat b'mod car fuq il-*File Notes* annessi mar-risposta li l-ilmentaturi ma talbux ghal parir mill-Bank.

Gie sottomess li, fil-fatt, l-ilmentaturi ddikjaraw fuq il-*File Notes* illi: [5]

*'I have given instructions to Mediterranean Bank plc to transact in this specific security on my behalf on an <u>Execution Only</u> basis ...'*

L-ilmentaturi jiddikjaraw ukoll illi:[6]

*'<u>Having received a full explanation of the risks which this security entails, the client confirms that he/she</u>:*

- *<u>Has specifically requested an investment in this security</u>;*

---

[4] P. 93
[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*

- *Fully understands the higher than normal risk which this and similar securities entail;*
- *Does not wish Mediterranean Bank plc to evaluate this particular investment transaction in the context of his/her entire portfolio;*
- *Does not wish to avail him/herself of Investment Advice for this transaction.'*

4. Illi l-ilmentaturi fl-ilment taghhom jiddikjaraw li ddecidew li jinvestu fl-*Air Berlin Bonds* peress li l-maniger tal-Bank informahom li din kienet *bond 'sigura'*. Skont il-Bank, dan jikkuntrasta hafna mad-dikjarazzjoni li ghamlu fuq il-*File Notes* fejn iddikjaraw illi:[7]

   *'I understand that due to the high level of exposure in this security the risk in my portfolio is expected to increase significantly. I also understand that I will be responsible for any level of capital loss that such investment could incur due to fluctuations in the security price, default/partial default of the issuer or other form of decrease in the level of capital or interest payable.'*

   Il-Bank iddikjara wkoll fuq il-*File Note* li:[8]

   *'Having received a full explanation of the risks which this security entails, the client confirms that he/she: …*

   - *Fully understands the higher than normal risk which this and similar securities entail'.*

5. Illi kwalunkwe telf li garrbu l-ilmentaturi kien rizultat ta' *Credit Risk*, riskju inerenti fil-qasam tal-investiment finanzjarju u liema riskju l-ilmentaturi kienu ben infurmati u avzati bl-akbar mod car u inekwivoku, biex b'hekk ma jirrizultax lanqas ebda nuqqas li jaghti lok ghall-ilment u kwalunkwe dritt pretiz mill-ilmentaturi fil-konfront tal-Bank.

6. Illi ghalhekk l-ilment huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-ilmentaturi stante f'kull waqt li l-provditur tas-servizz agixxa kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi.

[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet preliminari***

Il-provditur tas-servizz ghamel diversi eccezzjonijiet preliminari fis-sens li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-ilment ghaliex huwa preskritt skont Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 21(b) u (c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ('l-Att').

L-ewwel eccezzjoni hija li *'... fir-rigward l-investimenti ... li saru fil-5 ta' Frar 2016 waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kull interazzjoni u/jew relazzjoni extra-kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet sehhet qabel id-dekadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli'*.[9]

Hawnhekk l-Arbitru jaghmel referenza ghal decizjoni digà mahruga fuq dan l-istess punt hekk kif ikkunsidrat fil-Kaz Nru. 145/2018 kontra *MeDirect Bank (Malta) p.l.c.* (u li jirrigwarda l-istess prodott l-*Air Berlin Bonds*).[10] L-ewwel eccezzjoni tal-Bank qieghda ghalhekk tigi michuda fuq l-istess bazi u kunsiderazzjonijiet hekk kif imsemmija f'dan ir-rigward fil-Kaz Nru. 145/2018.

It-tieni eccezzjoni li tqajmet mill-Bank hija b'referenza ghal Artikolu 21(1)(b) tal-Att. Dan l-Artikolu jipprovdi li:

*'Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara:*

*Izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh.'*

---

[9] P. 92

[10] https://financialarbiter.org.mt/sites/default/files/oafs/oafs-decisions/ASF%20145-2018%20-%20RN%20vs%20MEDirect%20Bank%20%28Malta%29%20plc.pdf

Hekk kif indikat f'diversi decizjonijiet precedenti mahruga mill-Ufficcju tal-Arbitru, il-ligi ma tirreferix ghad-data ta' meta t-tranzazzjoni sehhet izda tirreferi ghad-data ta' meta l-imgiba li jkun qed isir ilment fuqha tkun sehhet.[11]

Ghalhekk l-Arbitru ghandu jara jekk l-imgiba li dwarha l-ilmentaturi qeghdin jilmentaw sehhitx qabel it-18 t'April 2016 meta l-Att dahal fis-sehh, skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz.

Fil-kaz ta' prodott ta' investiment, l-imgiba tal-provditur tas-servizz ma tistax tigi determinata mid-data tat-tranzazzjoni, u hija ghal din ir-raguni li l-legizlatur mar lil 'hinn min din id-data u saret enfasi minflok fuq id-data ta' meta l-imgiba sehhet.

Ghalkemm l-investiment fl-*Air Berlin Bonds* sar fil-5 ta' Frar 2016,[12] li jigi qabel id-dhul fis-sehh tal-Att, l-investiment izda kien ghadu jezisti fil-portafoll ta' investimenti tal-ilmentaturi mizmum mill-Bank wara d-data li l-Att gie fis-sehh. Dan hekk kif johrog mill-*'portfolio/account statements'* mahruga mill-Bank u li gew ipprovduti matul il-proceduri tal-kaz.[13]

Huwa nnotat ukoll li l-ilmentaturi saru jafu bil-kwistjonijiet li qed jilmentaw fuqhom, li jirrigwardaw il-falliment u t-telf tal-investiment, fil-15 t'Awwissu 2018, hekk kif imnizzel fil-formola tal-ilment taghhom.[14]

L-Arbitru jaghmel ukoll referenza ghal Artikolu 21(1)(d) tal-Att li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa meqjus li japplika ghall-kaz in kwistjoni.

Artikolu 21 (1)(d) jghid li:

*'Ghall-fini ta' dan is-subartikolu, imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u imgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta' atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu.'*

Ghar-ragunijiet imsemmija, l-Arbitru jichad ukoll it-tieni eccezzjoni maghmula mill-Bank.

---

[11] Ezempju – Kaz 028/2018
[12] P. 08, 12, 25, 68 - 71
[13] P. 11 - 21, 25 – 28 u 76 - 81
[14] P. 02

It-tielet eccezzjoni li tqajmet mill-provditur tas-servizz hija b'referenza ghal Artikolu 21(1)(c) tal-Att.

Dan l-Artikolu jipprovdi li:

*'Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'*

Hekk kif imsemmi hawn fuq, l-ilmentaturi ddikjaraw fil-formola tal-ilment taghhom li huma ndunaw l-ewwel darba bil-kwistjonijiet li qed jilmentaw dwarhom, jigifieri, l-falliment u t-telf materjali fuq l-investiment taghhom, fil-*'15/08/2018'*.[15]

Dan huwa wkoll ikkonfermat fl-ittra tal-ilment taghhom datata 15 ta' Novembru 2021 indirizatta lill-provditur tas-servizz, fejn f'din l-ittra l-ilmentaturi spjegaw li:

*'In 2018 we were informed that the investment failed and that we lost everything'.*[16]

Huwa nnotat ukoll li waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2022, wiehed mill-ilmentaturi xehed li:

*'Mistoqsi meta indunajt li ngdimt f'dan l-investiment, nghid li jekk mhux qed immur zball f'xi data, qalilna f'Awwissu tal-2018 ... Nghid li jien sirt naf li fallew f'Awwissu tal-2018'.*[17]

Johrog car ghalhekk li, fil-fatt, ghaddew izjed minn tliet snin minn meta l-ilmentaturi kellhom konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentaw dwarhom (jigifieri Awwissu 2018) u d-data ta' meta gie rregistrat l-ilment taghhom bil-miktub mal-provditur tas-servizz (Novembru 2021).

Ghalhekk l-Arbitru qed jilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari maghmula mill-Bank.

---

[15] *Ibid.*
[16] P. 08
[17] P. 107 u 108

**<u>Konkluzjoni</u>**

**L-Arbitru jiddeciedi li ma ghandux kompetenza biex jikkunsidra dan l-ilment *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(c) tal-Att u qieghed jichdu.**

**Dan bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-Ilmentaturi li jressqu l-kaz taghhom quddiem qorti jew tribunal li ma humiex marbuta b'termini skont l-Artikolu ta' Att KAP. 555 hawn fuq citat.**

**Peress li l-kaz gie michud fuq eccezzjoni preliminari, l-Arbitru jordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**